**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 38 – IT-TNEJN 14 TA’ DIĊEMBRU 2009**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
|---|---|---|
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri għadu indispost u ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru seba’ u tletin (37) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2. Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

**2. KORRISPONDENZA.**

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn l-24 ta’ Novembru u l-14 ta’ Diċembru 2009.

2.2. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2975/09. Il-Pulizija bagħtu taħrika lis -Segretarju tal-Kunsill biex jixhed fil-Qorti fuq ħsarat li saru fuq ‘is-centre-

strip' fi Triq Geronimo Abos warħabta li saret f'Diċembru tas-sena l-oħra

2.3. Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 2981/09. Din kienet kwotazzjoni li rċieva l-Kunsill fuq Gazebos biex jintużaw waqt funzjoni tal-Milied.

2.4. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 3028/09. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kellha offerta għal-Kunsilli Lokali mingħand ditta biex jixtru Computers "Refurbished".

2.5. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 3056/09. Din kienet risposta mingħand l -E.T.C. fuq il-ħaddiem ġdid li bagħat jaħdem fil-Kunsill Lokali Iklin.

2.6 Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 3062 /09. Talba mingħand resident ta' Triq Ġużè Galea biex jiltaqa' mal-Kunsilll Lokali dwar problemi li jeżistu fl-istess triq.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn l-24 ta' Novembru ul-14 ta' Diċembru 2009, kif tidher annesa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilment Nru.24/11-2 fuq skart li qed jitpoġġa quddiem Salon fi Triq Censu Busuttil minn terzi persuni. Dan ir-resident qed jitlob li jagħmel tabella. Il-Kunsill Lokali ma' jsibx oġġezzjoni u sejjer jiktbilha.

3.3 Rigward ilment Nru. 627900 fuq cable tad-dawl li hemm imdendel fi Triq Dun Karm, irriżulta li dan kien tal-Go u ġie mneħħi.

3.4 Rigward talba 827898 biex quddiem daħla ta' garaxxijiet li hemm fi Triq Dun Karm tingħata t-tarmac. Il-Kunsill Lokali qed jara din l-art hix privata.

3.5 Rigward ilment 04/12-2 dwar Caravan li qiegħed jiġi ipparkjat fi Triq Pietru Pawl Saydon. Il-Kunsill Lokali sejjer ikellem lis-sid biex jara' jistgħax jipparkjah x'imkien ieħor.

3.6 Rigward talba 09/12-1 biex terġa ssir mera li kienet quddiem id-Depot tal-Farsons fi Triq Għargħur u li tkissret; il-Kunsill sejjer jordna oħra.

3.7 Rigward ilment 11/12-1 minn resident li Triq Hwawar fl-aħħar parti bejn Triq ir-Razzett l-Aħmar u Triq iż-Żebbuga għandu

bżonn isir patching; Il-Kunsill ħa nota u din issir aktar il-quddiem.

4. **ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.**

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.3 Is-Segretarju ressaq ir-Rendikont tal-Weekend Break li sar bejn t-23 u l- 25 ta' Ottubru 2009.
Il-Kunsill Lokali ħareġ biss €50.05 mil-fondi tiegħu għal din l-attivita' .
Ir-Rendikont ġie approvat unanimament.

5. **MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.**

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet t-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 03609/09. 'Change of use' minn garaxx għal ħanut "nail studio" u bejgħ ta' prodotti anċillari(Klassi 4) ġo 41, Fingertips By Melissa, Triq Stefano Erardi / Triq Ċensu Bugeja. L-applikazzjoni ġiet diferita għal aktar informazzjoni mingħand il-Perit.

5.3 Dwar PA 02618/09 "Change of use" minn 'living room' għal garaxx ġo La Mirage, 38, Triq Ġuże Ellul Mercer.
L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.4 Dwar PA 01462/09 Tibdil fl-applikazzjoni Nru. PA 4601/08; alterazzjonijiet f'garaxx eżistenti, fi Triq Richard Taylor, Garage Nru. 9. L-applikazzjoni ġiet rifjutata.

5.5 Dwar PA 01760/09. "Change of use" minn parti minn garaxx għal-ħanut taż-żebgħa u tabella. Biex jinżamm mill-garaxx għall-vetturi privati.Majjorkin, Triq l-Iklin. L-applikazzjoni ġiet rifjutata.

5.6 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 03986/098. Biex jittpoġġew tabelli u bankijiet fil-passaġġ fi Triq San Mikiel li jagħti għal Kappella ta' San Mikiel. Kunsill Lokali Iklin.

PA 04700/09. Biex titwaqqa’ dar u jinbena garaxx taħt l-art, Maisonette, żewġ flats u kamra tal-ħasil, ġo sit, Triq Anton Buttiġieġ.

## 6. IR-RAPPORT FINANZJARJU TA’ TLETT XHUR LULJU - SETTEMBRU 2009.

6.1 L-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Patrick Caruana, kien peżenti biex jagħti rendikont ta’ dan ir-Rapport.

6.2 Dan jaħbat it-tieni kwart tas-sena bejn Lulju u Settembru. Wara li qara ir-rapport fid-dettall, ikkonferma li l-Kunsill Lokali kellu fondi għad-dispożizzjoni tiegħu ta’ €40,695.

6.3 Wara li staqsa jekk kienx hemm xi domandi, dan għadda għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

6.4 Ir-Rapport ġie approvat unanimament.

## 7. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

7.1 Is-Sur Dalli reġa’ fakkar fl-attivitajiet tal-Milied speċjalment dawk tat-Tlieta 22 ul-Erbgħa 23 ta’ Diċembru fejn il-Kunsill sejjer jarma Presepju ħaj fil-bitħa tal-Knisja.
Fit-22 jitqassmu r-rigali minn Father Christmas.

7.2 Is-Sindku irrefera għal-ħaddiem tal-E.T.C. li ġie ssekondat mal-Kunsill tagħna. Peress li dan kien qed juża l-van tiegħu biex jagħmel qadi tal-Kunsill, il-Kunsill ħass li għandu jħallas l-assigurazzjoni tal-van fuq bazi “Comprehensive”

7.3 Skond il-kwotazzjoni tal-Assigurazzjoni li kellu f’idejh il-Kunsill mingħand l-Elmo Insurance din kienet ta’ €285.70 għal sena sħiħa. Izda peress li l-ħaddiem kien ġie assenjat magħna għal sitt xhur, il-Kunsill għalissa sejjer jkopri l-ewwel sitt xhur.

9.4 Dan qabel miegħu kulħadd.

## 8. AĠĠORNAMENT.

8.1 Fl-aħħarnett is-Sur Dalli xtaq jawgura l-Milied it-tajjeb u s-Sena Ġdida mimlija hena u paċi lil-Kunsilliera u l-Istaff kollu tal-Kunsill u l-familji tagħhom.
Il-Kunsilliera kollha r-reċiprokaw dan l-awgurju.

8.2 Peress li ma kienx hemm aktar x'niddiskutu, il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.50pm.

8.3 Il-laqgha l'jmiss sejra issir nhar it-Tnejn 11Jannar 2010 fil- 5.30pm.

8.4 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgha tal-Kunsill tat-Tnejn 11 ta' Jannar 2010 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv. |